MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1909/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Lara Filletti**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm122.87) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta attrici skond Client Contract Number 6382/01517 in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Settembru 2002 u Jannar 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat

kontestwalment ma’ l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm122.87), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Gunju 2003, u dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’ l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------